MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## NADIA H. VELLA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 379/2013

GO **p.l.c. (C22334)**

**vs.**

**Cutajar Kreaton K.I. 600977(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' tliet mija u ħamsa u disgħin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€395.61) – rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizz tat-televiżjoni kont numru *A/C 40151102*, li ġie mogħti mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' tliet mija u ħamsa u disgħin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€395.61), bl-imgħax legali dekorribbli mill-20 ta' Ġunju 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba. L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------